14 ta' Marzu, 1949.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado. LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Rita Bondì *versus* Angelo Abdilla et.

**Azzjoni "de in rem verso" — Fundament Tagħha u meta hija esperibili.**

*L-azzjoni "de in rem verso" hija rimedju sussidjarju li huwa estiż għall-każijiet kollha fejn tkun avverat ruħha lokupletazzjoni effettiva għad-dannu ta' ħadd ieħor. Dina l-azzjoni għandha l-fundament tagħha fil-vantaġġ li jkun ġie rekat lit-terz; u hija esperibili fejn ma hix esperibili l-azzjoni "ex contractu". Fejn jonqos l-element tal-vantaġġ ma hix esperibili l-azzjoni "de in rem verso".*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni nru. 522 ta' l-1948 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu, li bih l-attriċi, wara li ppremettiet li hija għamlet diversi somministrazzjonijiet lill-konvenuta Giuseppa Abdilla, ta' l-import komplessiv ta' £61, kwantu għal £31 għall-bżonnijiet domestiċi u ġjornalieri u in kwantu għal £30 li b'hom ġiet dotata bint il-konvenuta, Irene Hoke; u li b'dan il-mod il-konvenut illokupleta ruħu, għaliex huwa ma kienx qiegħed iħallas kif kien imissu l-kera u l-manteniment ta' martu u ta' wliedu, u għaliex lanqas ma ddota lil bintu fuq indikata fl-okkażjoni taż-żwieġ tagħha, avvolja hu kellu mnejn u dina kienet tinsab priva mill-mezzi; talbet illi l-konvenuti jiġu kundannati jħallsu lilha għall-motivi fuq indikati s-somma ta' £61. Bl-imgħax legali min-notifika ta' l-att taċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat tal-25 ta' Ġunju 1948;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tad-19 ta' Ottubru 1948, fejn dik il-Qorti laqgħet it-talba ta' l-attriċi limitata għas-somma ta' £31 u ċaħditha għall-bqija, u kwindi kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi dik is-somma biss ta' £31 bl-imgħax legali; wara li kkunsidrat;

Illi l-azzjoni hija manifestament l-"actio de in rem vervo". Dan ir-rimedju sussidjarju, bażat fuq id-dispożizzjoni-

jiet tad-Diġest (Lib. XIV, Tit. III), ġie mill-pratiċi estiż, barra mill-każijiet kontemplati f'dak it-titolu, għall-każijiet l-oħrajn kollha fejn tkun avverat ruħha lokupletazzjoni effettiva għad-dannu ta' ħadd ieħor in bażi għall-prinċipju wisq magħruf "jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento et injuria fieri locupletiorem" (L. 206, fr. re regulis juris), u ġie konċess fil-każijiet fejn ma hijiex esperibili l-azzjoni "ex contractu". Dina l-azzjoni ("de in rem verso") għandha l-fundament, u fl-istess ħin il-limiti tagħha, fil-vantaġġ li jkun ġie rekat lit-terz, u kwindi, jekk dana l-vantaġġ jonqos, ma tistax tiġi eżerċitata;

Illi l-versjoni utili għall-konvenut tikkonsisti, fil-każ preżenti, limitatament għas-somma ta' £31, li tikkomprendi, kif jirriżulta mill-provi, flus forniti mill-attriċi lill-mara tal-konvenut għall-ħlas ta' ġeneri alimentari, u f'somma oħra ta' flus mill-istess attriċi forniti lill-istess mara tal-konvenut għall-ħlas ta' kera tad-dar fejn kienet toqgħod mart il-konvenut ma' wliedhom. U dina l-versjoni utili għall-attur tissussisti għaliex kien dana, għalkemm separat di fatto minn martu, li kien tenut jaħseb, iżda ma ħasebx, kif jirriżulta mill-provi, għal dawn il-bżonnijiet tal-familja tiegħu; u kwindi, in rigward ta' l-imsemmija somma ta' flus avverat ruħha fil-konvenut lokupletazzjoni effettiva għad-dannu ta' l-attriċi li żborżathom biex iservu, kif effettivament servew, għall-bżonnijiet fuq indikati;

Illi l-istess ma jistax jingħad in rigward taf-£30 li l-attriċi tallega li bihom ġiet dotata bint il-konvenut; għaliex mill-provi jirriżulta illi l-imsemmja somma ta' £30 ġiet mill-mara tal-konvenut impjegata biex tħallas id-dejn ta' l-imsemmija bint il-konvenut u bintha, u kwindi ma hemmx vantaġġ għall-konvenut;

Rat in-nota ta' l-appell u l-petizzjoni tal-konvenut, fejn talab ir-riforma tas-sentenza, fis-sens li tiġi konfermata s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fejn ġiet miċħuda t-talba ta' l-attriċi għal £30, u revokata dik il-parti fejn dik il-Qorti laqgħet it-talba ta' l-attriċi għal £31;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant jilmenta fil-petizzjoni li s-somma ta' £31

kontrarjament għal dak li hemm fis-sentenza li minnha hemm appell, ġiet mogħtija lill-mart l-appellant biex dina tħallas il-kera dovut minn bintha Irene m'nħabba li dina kienet irċeviet mandat, u mhux ġa biex il-mara ta' l-appellant tħallas il-ġeneri alimentari jew il-kera tagħha;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti, l-azzjoni hija bażata fuq il-prinċipju "*de in rem verso*". *Mid-depożizzjoni ta'* l-istess attriċi jirriżulta illi xi sena u nofs ilu hija kienet silfet lill-mart l-appellant, l-ewwel darba £1 sabiex tħallas ir-"ration"................;

Il-kwistjoni devoluta quddiem dina l-Qorti hija jekk firrigward tas-somma ta' £31 kienx hemm lokupletazzjoni favur l-appellant, u dana għad-dannu ta' l-attriċi;

Irriżulta mix-xhieda ta' l-istess appellant li xi sitt xhur qabel ma xehed quddiem l-Ewwel Qorti huwa kien ġie kundannat iħallas lill-martu għall-manteniment tagħha u ta' wliedu £1. 10. 0 fil-ġimgħa.............. Mill-mod kif huwa ddepona ma jidherx li dawn ir-rimessi kienu regolari.............. Aktar preċiża bintha Imelda. Din tgħid li missierha kien jibgħat l-ommha xi ħaġa kull meta kienu jmorru jarawh it-tfal; dana ma kienx ikun spiss..............;

In kwantu għall-ħlas tal-kera l-istess appellant jammetti li huwa qatt ma ħallas dan, u anki jekk il-kera kien għan-nom ta' bintu, jirriżulta li tant martu kemm uliedu kienu jabitaw fil-post li għalih ġie mħallas il-kera, u li kien hemm ftehim bejn martu u t-tifla li l-kera kellha tħallsu ommha;

Mill-premess jidher ċar li l-appellant avvantaġġa ruħu mis-somma ta' £31 li l-attriċi silfet lil martu, u għalhekk ankorkè l-azzjoni mhix esperibili kontra tiegħu "ex contractu", hija eżerċitata tajjeb bħala azzjoni "de in rem verso";

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati, tirrespinġi l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti; bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut appellant.

---